**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 22/2025**
**30 ta' Settembru 2025**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:15p.m.**

**PREŻENTI:**
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku (5.26pm)
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier
Connie Debattista – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
NIL

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI:**

**22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
NIL

**22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 20 u 21**
Il-Minuti ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija.

Il-Kunsilliera Debattista talbet li jiġi emendat żball fejn f'20.4.9 fejn trid tinqara Gudja u mhux Ħal Luqa. Il-Minuti 21 ġew approvati b'din l-emenda mill-Kunsilliera Kylie D'Amato bħala Proponent u l-Kunsillier Liam Sciberras bħala Sekondant.

Minuti 21 ġew approvati mill-Kunsilliera Kylie D'Amato bħala Proponent u l-Viċi Sindku bħala Sekondant.

**22.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 22/2025**
Il-Kunsilliera Sciberras u Debattista talbu li Item 21 tinkiteb bħala Tender u mhux Direct Order u jitħallas nofs l-prezz f'din is-Seduta peress li s-servizz ma kienx sodisfaċċenti u bagħat il-kontijiet tard.

Il-Kunsilliera Debattista talbet li Item 38 tinkiteb Direct Order.

Il-Kunsill approva dawn l-emendi, bil-Kunsilliera D'Amato bħala proponent u l-Kunsilliera Debattista bħala Sekondant.

Il-Kunsilliera qablu li l-kwotazzjonijiet għat-trasport jiġu mitluba kull darba, filwaqt li għall-stationery jintalbu kwotazzjonijiet kull 6 xhur.

**22.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Il-Kunsillier Sciberras talab sabiex wara l-Approvazzjoni tal-Minuti, jibdew jiġu diskussi l-punti mqajjma mill-Minuti, u tiżdied bħala parti mill-Agenda. Il-Kunsill approva.

**22.4.1** Is-Sindku għaddiet l'**istatistika** tal-laqgħat li saru matul ix-xahar ta' Awwissu u Settembru 2025 (Annex 1).

**22.4.2** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li fuq talba tagħha, talbet lill-Perit Jesmond Mugliett u Dr Claire Bonello daħħlu l-appelli tagħhom rigward **PA/3310/25** (Annex 2)**.** Il-Kunsillier Sciberras issuġerixxa li ssir petizzjoni flimkien mar-residenti. Il-Kunsill approva.

**22.4.3** Qabel is-seduta ġew iċċirkolati l-Minuti tal-laqgħa li saret ma **IM** għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija (Annex 3). Is-Sindku infurmat li l-Belishia Crossing ta' Triq Katarina Vitale ser tiġi irranġata skond kif ġie mitlub minn TM. Il-Kunsilliera Debattista talbet li fi Triq il-Kaħwiela jsir culvert li għaliha l-Kunsill approva. Rigward ir-railing ta' Triq Maria De Domenicis, il-Kunsillier Sciberras qal li meta sar ix-xogħol tar-rampa, ir-railing missu kien inkluż max-xogħol.

**22.4.4** Is-Sindku infurmat li bagħtet lill-Ministru tas-Saħħa sabiex tara x'inhi l-proċedura biex tiġi mgħottija l-vaċċin tal-**influenza** mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilliera qablu li din trid tiġi mgħotija mill-Berġa u approvaw sabiex is-sindku issib tabib/a.

**22.4.5** Qabel is-seduta ġew iċċirkolati l-Minuti tal-laqgħa li saret ma **Cleansing Malta** (CM) għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija (Annex 4). Is-Sindku infurmat li l-MoU ta' ma CM ġie mgħoddi lill-avukata Dr Vincienne Vella fejn għaddiet il-kummenti tagħha, u ġew mgħoddija lill-CM. Il-Kunsillier Sciberras talab li fl-MoU jiġu iċċarati diversi punti:

- Li s-supervisor huwa apparti iż-2 kenniesa
- L-Iskeda tal-Knis tkun annessa mal-MoU
- jinkiteb li l-pagament isir wara kull 3 xhur tas-servizz

Il-maġġoranza tal-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jibda juża s-servizz tal-knis ta' Cleansing Malta. Il-Kunsilliera Debattista r-rifjutat li tgħaddi l-kummenti tagħha minħabba li l-akwati tagħha qatt ma tnaddfu minn Cleansing Malta u l-Kunsillier Sciberras talab li qabel jaċċetta jrid jiġi emendat l-MoU kif talab.

**22.4.6** Is-Sindku irċiviet talba minn VSA sabiex ikunu jistgħu iranġaw l-uffiċju tal-**VSA** u l-Annex a spejjeż tal-VSA. Fl-istess waqt infurmat li l-amministrazzjoni bdiet tara x'hemm affarijiet li hemm bżonn jiġu mormija sabiex jitneħħew mill-**FAR** (Annex 5). Il-Kunsill approva.

**22.4.7** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li Dr Claire Bonello fuq it-talba tagħha daħħlet l-oġġezzjoni tagħha f'isem il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija dwar ir-**riforma tal-ippjanar** (Annex 6). Is-Sindku infurmat li ser tiġi mgħoddija kopja lill-Kunsilliera.

**22.4.8** Qabel is-seduta ġew iċċirkolati l-Minuti tal-laqgħa li saret mal-Ministeru tal-Intern, Sigurta u x-Xogħol għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija (Annex 7). Is-Sindku infurmat li nhar il-Ħadd 5 ta' Ottubru

ser isir it-**tberik tal-annimali** fi Pjazza 7 ta' Lulju u ħeġġet, attivita li kulħadd mistieden jattendi. Is-Sindku staqsiet lill-Kunsilliera Debattista jekk hux ser isiru ċertifikati għal din l-attivita. Is-Sindku talbet lill-għaqdiet u r-residenti sabiex jipparteċipaw fl-attivitajiet li jorganizza il-Kunsill speċjalment peress li fil-Clean Up day ħadd ma attenda.

**22.4.9** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ġabar il-kwotazzjonijiet meħtieġa sabiex titnaddaf il-**ġibja** li tinsab fil-Jogging Track u t-tiswijiet meħtieġa fil-pijpijiet tal-irrigazzjoni. Il-Kunsill approva l-irħas stima li hija dik ta' Valley Greenscapes (Annex 8). Fl-istess waqt is-Sindku infurmat li wara t-talba tagħha li l-ispejjeż ser jiġu rifonduti minn Project Green ġiet approvata.

**22.4.10** Is-Sindku infurmat li **TM** approvaw li jitneħħew il-parking bays li saru fi Triq Bice Mizzi Vassallo (Annex 9). Il-Kunsillier Sciberras informa li l-Kunsill għandu jirċievi ittra reġistrata dwar dan. Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta minn TM li peress bdew l-iskejjel, bejn is-6.00am u 9.30am ma jistgħux jinħarġu permessi fl-akwati tal-iskejjel u laqas jingħalqu toroq li jistgħu jikkaġunaw t-traffiku.

**22.4.11** Is-Sindku infurmat li reġgħet bagħtet lill-**Project Green** għall-Health and Safety report ta' Ġnien l-Iskultura. Fuq nota oħra s-Sindku talbet għan-No Objection tall-Kunsill sabiex isir il-bankina kollha tul Triq il-Pepprin. Il-Kunsill approva li ssir il-bankina bil-kundizzjoni li tallinja tkun tista ddur, it-triq tibqa 2 way, persuna b'puschair/wheelchair tista tgħaddi fuq il-bankina b'mod faċli, kif ukoll isir railing quddiem il-gates ghas-sigurta ta' min ser juża l-ġnien.

**22.4.12** Is-Sindku infurmat lill-Kunsillier Sciberras li għall- **European Week for Waste Reduction (EWWR)**, it-tema ta' din is-sena huwa l-skart eletroniku u rridu napplikaw sad-9 ta' Novembru 2025. Għalhekk is-Sindku ħeġġet lill-Kunsilliera sabiex jibgħatu l-ideat tagħhom sabiex jgħinu lill-Kunsillier Sciberras.

**22.4.13** Is-Sindku infurmat li d-DLG approvaw l-applikazzjoni **SPI/08/2025** għal Child Minding (Annex 10), iżda peress li l-Kunsill u l-istaff ma għandhomx tfal u din l-iskema mhix applikabli wkoll għar-residenti, l-Kunsill mhux ser jipparteċipa għalissa.

**22.4.14** Is-Sindku tablet għall-approvazzjoni tal-kunsilliera sabiex isir mobile camera fi **Trejqet il-Liedna**. Il-Kunsilliera approvaw li ssir waħda ġdida, u jinġibu l-kwotazzjonijiet.

**22.4.15** Is-Sindku bi pjaċir infurmat li l-lezzjonijiet tal-**għawm** ser ikomplu mill-10 ta' Novembru 2025.

**22.4.16** Is-Sindku infurmat li l-Kumitat ta' **Santa Luċia FC** inbidel, għalhekk il-Kunsill qabel li nitolbu li ssir laqgħa mal-kumitat il-ġdid.

**22.4.17** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċiviet talba mingħand Probation Officer għal xogħol fil-komunita. Din il-persuna trid tagħmel 60 siegħa xogħol fil-manutenzjoni/kostruzzjoni mingħajr ħlas. Ix-xogħol ser ikun is-Sibtijiet. Il-Kunsill approva.

**22.4.18** Il-Kunsillier Sciberras talab li kull kunsillier jiġi mgħoti **budget** ta' kemm jista jonfoq f'sena fuq affarijiet relatati mar-responsabiltajiet tagħhom, kif ukoll kull għaqda ta' Santa Luċija jiġu allokati ammont fis-sena. Is-Sindku qalet li ser tiddaħħal fil-budget li jmiss.

**22.4.19** Is-Sindku infurmat li għal sena oħra l'Kunsill ser jżejjen it-toroq bit-tiżjin tal-**Milied** u s'issa l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda korrispondenza mingħand ir-Reġjun dwar jekk hux ser jagħtu refund għat-tiżjin. Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera Debattista sabiex tara x'hemm bżonn jinbidel mit-tiżjin tas-sena l-oħra (Annex 11) sabiex nkunu nistgħu nġibu l-kwotazzjonijiet meħtieġa.

**22.4.20** Is-Sindku infurmat lill-kunsilliera li iċċarat mal-Periti ta' IM li fl-ebda ħin ma jistgħu jinqalgħu siġar mis-soft area ta' Triq Maria de Domenicis. Il-Kunsillier Sciberras talab ukoll sabiex il-parking bays li jinsabu fi Triq Katarina Vitale ma jitneħħewx kif ukoll konferma li Triq Katarina Vitale l'parti t'isfel tiġi 2-way. Is-Sindku wriet korrispondenza fejn uriet li t-2 way ġiet mitluba.

**22.4.21** Qabel is-seduta ġew iċċirkolati l-Minuti tal-laqgħa li saret ma **Mr Chen** għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija (Annex 12).

**22.4.22** Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera irrangrazjaw lis-Sur Soler għal tpinġija li għamel ta' Ġnien is-Serenita, li ġiet mgħotija lill-Kunsill.

**22.4.23** Is-Sindku infurmat li saru drawings ġodda dwar il-bini bil-**PA/04614/25** ta' Triq Znuber ma Triq Bice Mizzi Vassallo. Il-Kunsilliera qablu li nibgħatu lil Dr Bonello għal kummenti/oġġezzjoni tagħha.

**22.4.24** Wara korrispondenza mibgħuta mill-Kunsillier Sciberras sabiex **Pjazza tal-Ġilju** tinbidel is-sistema tal-One Way, is-Sindku spjegat li din il-materja kienet ġa diskussa u approvata fis-Seduta nru 14. Fl-istess waqt is-Sindku spjegat li r-residenti ma jistgħux jiġu infurmati qabel ma tiġi approvata/rifjutata minn TM.

**22.4.25** Is-Sindku infurmat li Project Green approvaw li jħallsu x-xogħol tal-Braille li ser isir fin-naħa ta' Ġnien l-Iskultur. Filwaqt il-Kunsill approva li ssir il-mappa tal-ġnien u s-sinjali tat-toilets eċċ.

**22.4.26** Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera D'Amato sabiex taqra r-rapport li ppreparat wara li l-Kunsilliera D'Amato, l-Kunsillier Sciberras u s-SE marru delegazzjoni ġewwa ċ-**Ċina** (Annex 12).

**22.4.27** Is-Sindku infurmat li ċertu xogħol ta' **manutenzzjoni** mill-ħaddiema tar-reġjun ma jistgħax isir maċ-ċnut ta' Dawret it-Torri, għalhekk ser isir talba lill-Public Works jew mill-persuna li ser jiġi mqabbad għall-Community Work.

**22.4.28** Is-Sindku infurmat li mit-2 ta' Ottubru 2025 kull nhar ta' Ħamis u Ġimgħa filgħodu ser jibdew isiru l-lezzjonijiet tal-**Lifelong Learning** fit-Tea Room. Peress li l-Ħamis hemm ukoll is-sessjonijiet ta' Aqra Miegħi, dawn is-sessjonijiet ser isiru fil-Pavillion. Il-Kunsilliera Debattista isuġerit li jsir tapit fl-art tal-Pavillion minħabba t-tfal. Il-Kunsill approva li jinxtara.

**22.4.29** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Nofsinhar dwar l-**ERA Report Q2** (Annex 13). Il-Kunsillier Sciberras talab li r-Reġjun jipprovdu kemm hawn Uffiċjali tal-ERA li qed jagħmlu enforcement madwar Malta u l-ħinijiet tagħhom u kemm hemm ħin allokat għal Santa Luċija.

**22.4.30** Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera qablu sabiex id-data tal-**Laqgħa Annwali** ser tkun nhar id-9 ta' Diċembru 2025 fis-6.00pm ġewwa t-Tea Room.

**22.4.31** Is-Sindku infurmat li s-**soft flooring** tal-bandli jrid jinbidel kollhu, għalhekk l-ispiża ser tiġi għola mill-BOQ tat-tender. F'każ li jsir bil-Wet Pour (In-Situ) Rubber Flooring li huwa aħjar mit-tiles il-Kunsill irid joħroġ €60,000.00 differenza, filwaqt jekk isir bit-tiles il-Kunsill irid joħroġ €40,000.00 iżjed. Is-Sindku infurmat li ser nippruvaw napplikaw mal-iskema tal-fencing SPI/01/2022 peress li baqa l-fondi. Il-Kunsill approva li l-Kunsill juża l-Wet Pour Rubber Flooring u li joħroġ id-differenza.

**22.4.32** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mill-**Librara** sabiex jerġgħu ibidlu l-ġranet tal-librerija għal kif kienu qabel: It-Tnejn u l-Erbgħa mid-9.00am – 11.00am, Il-Ħamis mill-4.00pm sas-6.00pm u s-Sibt mill-10.30am – 12.30pm. Il-Kunsill approva.

**22.4.33** Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex meta ssir **attivita**, l-Kunsill jkollu Insurance, Risk Assessment u Ambulanza. Il-Kunsill approva.

**22.4.34** Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera sabiex isir prova ta' 3 xhur bix-**xufier** tal-Kunsill sabiex naraw it-talba tar-residenti għall-appuntamenti. Dan is-servizz ser ikun provdut sal-4.00pm. Il-Kunsilliera ġibdu l-attenzjoni li l-vann ma jistax jintuża għas-servizz tal-hairdresser. Il-Kunsillier Sciberras talab li jridu jaraw kemm ser tiġi tiswa minħabba l-Budget tal-Kunsill kif ukoll jiġi rriklamat is-Silver T. Is-Sindku infurmat li s-servizz għall-istudenti tal-MCAST ta' Raħal Ġdid ser jibda fis-7.15am. Il-Kunsilliera qablu sabiex tinġabar statistika ta' kemm jintuża s-servizz tal-vann mill-anzjani bejn 7.00am u 9.00am sabiex jiġi provdut servizz tal-vann għall-istudenti għal 6th forms oħra.

**22.4.35** Is-Sindku bi pjaċir infurmat li l-applikazzjoni għall-Iskema tal-**Milied SPI/04/2025** ġiet approvata.

**22.4.36** Is-Sindku infurmat li qabel is-seduta ġew iċċirkolati l-**Minuti** tal-laqgħat li saru ma Explore Malta, mal-Perit Audrey Demicoli, ma Project Green, ma Daren Taliana u Right 2 Smile għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija (Annex 14).

**22.4.37** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mid-DLG sabiex jaraw jekk il-Kunsill jixtieqx iżdied/jibdel l-**outdoor gym equipment**. Is-Sindku issuġeriet li jiżdied il-gym equipment fil-jogging track u jsiru ġodda fil-promenade. Il-Kunsilliera approvaw li jsiru ġodda fil-jogging track biss.

**22.4.38** Is-Sindku bi pjaċir infurmat li s-sistema tal-**irrigazzjoni** fil-picnic area lest u ser jinbeda t-tħawwil tas-siġar.

**22.4.39** Is-Sindku staqsiet lill-**Kunsilliera Debattista** jekk għamlitx kuntatt mal-Uffiċjal għal-Ħarsien tal-Annimali tar-Reġjun Nofsinhar. Il-Kunsilliera Debattista wieġbet li pruvat diversi drabi tagħmel kuntatt miegħu iżda ma tkellimx lura magħha.

**22.4.40** Is-Sindku staqsiet lill-**Kunsilliera Debattista** dwar ix-xiri ta' pjanti air purifiers fil-Pavillion. Il-Kunsilliera Debattista infurmat li qed tara x'inhuma l-aħjar pjanti li jintużaw u tiġbor il-kwotazzjonijiet. Il-Kunsilliera Debattista preżentat lista ta' pjanti għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

**22.4.41** Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex tinxtara **printer** żgħira għall-uffiċju tas-SE. Il-Kunsill approva

**22.4.42** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsilliera Debattista sabiex jinbidlu d-dog bins minħabba li mkissrin jew mingħajr liner. Is-Sindku wieġbet li nieħdu nota għal meta tinħareġ skema

**22.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**22.5.1 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa dwar x'ser jsir minħabba li l-Belishia hump li saret fi Triq Katarina Vitale hija għolja. Is-Sindku wieġbet li ser titbaxxa minn IM.

**22.5.2 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa kemm il-mistoqsija staqsa kull kunsillier matul din il-leġislatura u kemm -il waħda kellha riżultat pożittiv favur ir-resident. Is-SE wieġbet li qed jaħdmu fuqha.

**22.5.3 Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet ta' kemm il-kunsill approva flus għal planters u outdoor furniture. Is-Sindku infurmat li bħala planters il-Kunsill ma nefaq l-ebda flus. Is-Sindku spjegat li bħala outdoor

furniture il-Kunsill nefaq €36,408.50 f'dog bins, picnic tables, arbli, bankinijiet u dustbins li dan l-ammont kien kopert permezz tal-iskema tal-Clean Up u LESA (Annex 15)

**22.5.4 Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet kif ċertu informazzjoni inħarġet fuq il-facebook tal-Kunsill u/jew tas-Sindku qabel ma ġew diskussi mal-Kunsill. Is-Sindku wieġbet li bħala Sindku għandha kull dritt itellgħa l-informazzjoni anke skond id-direttiva Nru 4/2016 u wara li ngħatat parir mid-DLG u AKL (Annex 16). Is-Sindku wieġbet li meta jsir vandaliżmu u tkun ratu hi, ser tellgħu fuq il-paġna tal-facebook tagħha. Rigward il-van tal-Kunsill, din ġiet diskussa fil-Kunsill, ġiet mtellgħa fuq il-paġna tal-Kunsill, u bħala Sindku ħalset mill-flus personali tagħha sabiex isir video fuq il-facebook page tagħha. Rigward l-perspex li sar, is-Sindku wieġbet li bħala Kunsilliera kienu infurmati li ser isir il-perspex, u telgħat fuq il-paġna tagħha minħabba li inzertathom qed jinstallawh.

**22.5.5 Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet fhix wasal il-proċess taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku wieġbet li qed nistennew mill-Awtorita tal-Ippjanar.

**22.5.6 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa jekk irċivejnix risposta mid-Direttur Ġenerali, s-Sur Emil Vassallo sabiex jinstab kontromess bejn il-Kunsill ta' Santa Luċija u l-Kunsill tal-Gudja sabiex Trejqet Santu Kristu tiġi One-Way. Is-Sindku wieġbet li għad ma rċivejna l'ebda risposta.

**22.5.7 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa x'sar dwar id-dawl li jagħati mill-Belishia Crossing ta' Triq Ineż Soler. Is-Sindku wieġbet li d-dawl tal-Belishia Crossing kien fuq in-naħa l-ħażina u ġie rranġat, il-bozoz saru LED u issa ġie mitlub lill-Enemalta sabiex isir shade peress li r-residenta baqgħet bl-istess problema.

**22.5.8 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa liema toroq ser isiru minn IM u jekk il-Kunsill għandux informazzjoni ta' meta ser isiru t-toroq li ser isiru minn IM. Is-Sindku infurmat li din il-mistoqsija ġiet imwieġba mill-minuti tal-laqgħa li saret ma IM u ma għandha l-ebda informazzjoni meta ser isiru.

**22.5.9 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa fhix wasal il-proċess għar-restawr tat-telephone box. Is-Sindku wieġbet li għadna qed nistennew mill-perit.

**22.5.10 Il-Kunsillier Sciberras** talab r-raġuni għalfejn Ġnien Simbjożi mhux jixgħel. Is-Sindku wieġbet li mat-timer hemm light sensor li minħabba f'hekk mhux jixgħel il-ġnien. F'każ li l-ġnien jibqa ma jixgħelx, ser jitneħħa l-light sensor.

**22.5.11 Il-Kunsillier Sciberras** talab li jitranġa wire imdendel li jinsab fi Triq Helen Buhagiar. Is-Sindku infurmat li ser tiċċekja dwarhu.

**22.5.12 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa għalfejn id-dawl tal-Belishia ta' Dawret it-Torri u xi bozoz oħra fl-istess triq mhux jixgħelu. Is-Sindku qalet li ser tiċċekja dwarha u tirraporta u hemm ukoll id-dawl tal-Belishia fi Vjal Oleandri wkoll mhux jixgħel.

**22.5.13 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa għad-datatrak tal-Ġbir tal-iskart mill-1 ta' Lulju 2024 sa l-aktar riċenti. Is-Sindku wieġbet li ser titlob għal din l-informazzjoni lir-Reġjun Nofsinhar.

**22.5.14 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa x'sar dwar il-proposta li jsiru culverts minn Triq il-Pepprin l'isfel li ġiet diskussa f'seduta preċedenti. Is-Sindku wieġbet li ser tiċċekja dwarha.

**22.5.15 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa kemm ġew jiswew il-bankini l-ġodda u l-Bus Shelters fi Vjal Oleandri. Is-Sindku wieġbet li ser issaqsi lill-IM.

**22.5.16 Il-Kunsillier Sciberras** talab għall-Incoming/Outgoing mail. Is-SE wieġbet li l-amministrazzjoni qed taħdem fuqha.

**22.5.17 Il-Kunsillier D'Amato** staqsiet jekk ir-rampa ta' Blokk R fi Triq Santa Katarina hix ċertifikata. Is-Sindku qalet li r-rampa l-Housing għamilha, iżda ser tiċċekja.

**22.5.18 Il-Viċi Sindku** informa li f'Dawret it-Torri bejn il-Kummissarju tat-tfal u n-naħa l-oħra hemm wire imdendel. Is-Sindku infurmat li ser naraw ta' min hu u jiġi irrapurtat.

**22.5.19 Il-Viċi Sindku** talab lis-Sindku sabiex jitdnaddfu l-culverts. Is-Sindku wieġbet li t-tindif lest.

**22.5.20 Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet jekk hux possibli nitolbu għall-iżjed fondi mingħand il-Ministeru tal-Arti u tal-Kultura sabiex jiġu organizzati iżjed attivitajiet Kulturali f'Santa Luċija. Is-Sindku wieġbet ser tagħmel kuntatt mal-Ministeru.

**22.5.21 Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet min għamel it-tarmac fuq it-tappierta ta' Triq il-Fortizza. Is-Sindku infurmat li x-xogħol ma sarx mill-ħaddiema tal-Kunsill u ser tinformaha minn għamel ix-xogħol.

**22.5.22 Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet meta ser isir ix-xogħol mad-dawra tat-tappiera ta' Triq il-Kaħwiela peress ħerġin il-wurdien. Is-Sindku infurmat li ser terġa tiċċekja dwarha.

**22.5.23 Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet jekk il-Pavillion hijiex qed tiġi mnaddfa peress li ser tibda tiġi użata u talbet li jsir tapit fl-art għal meta jsiru l-lezzjonijiet ta' Aqra Miegħi. Is-Sindku infurmat li peress li issa l-kamra qed tiġi użata, bdiet tiġi mnaddfa u ser tieħu ħsieb li jsir tapit.

**22.5.24 Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet jekk il-ġibjun ta' Wied Garnaw ġiex irranġat. Is-Sindku wieġbet li l-ħsarat ġew imsewwija.

**22.5.25 Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet x'ser jiġri dwar il-linji ta' parkeġġ u l-linji s-sofor tar-rampi ta' Triq il-Ġibjun. Is-Sindku infurmat li saru diversi komunikazzjonijiet mal-entitajiet rispettivi, u ser terġa tagħmel kuntatt magħhom.

**22.5.26 Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet x'ser isir peress li qed isir taħlit ta' skart u ma jinħarġux il-boroż skond l-iskeda fi Triq Maria de Domenicis. Is-Sindku infurmat li ser jerġgħu jitellgħu facebook posts dwar dan.

**22.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-7.45pm u s-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 28 ta' Ottubru 2025 fil-5.15pm.

Dawn il-minuti ġew ikkonfermati 28 ta' Ottubru 2025.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| ____________________________ | ___________________________ |
| Charmaine St John<br>Sindku | Bernice Darmanin<br>Segretarju Eżekuttiv |